# BALLATA

Ta' Patri V. V. Barbara, O.P. *(Amorno)*

*Lil Karm. Vassallo.*
*b'xhieda ta' ħbiberija għal dejjem.*

Il-ħuttaf li jżiġġ fuq l-ilma,
Taħt l-irdum ta' l-Isqfijiet,
Jingħi ġrajja li hemm twettqet
Fis-sigħat ta' ħemda u kwiet.

Ittenniha wkoll il-mewġa
Li titgerbeb fuq il-blat,
U bid-diwi tagħha tokrob
Dak li l-ebda għajn ma rat.

Minn hemm fuq, ja qamar hiemed,
Rajtha 'l dik ix-xbejba, hnaħtha
Tlebbet żiemel; u inti, mgħaddab,
Fuq il-bniedem xtaqt is-saħta.

Sitt xhur qabel miegħu ltaqgħet,
Fuqu ssammru ħbub għajnejha,
Ħasset ruħha tfur bl-imħabba,
Ħasset demmha nar f'ħaddejha.

Kemm-il-darba, trejqa mwarrba,
Rajt żewġ żgħażagħ imgħannqin,
U fil-ħaifa ta' l-imħabba
Smajt il-bews f'xofftejn qrollin.

Sema nir bla dell ta' sħaba
Kien għax-xbejba dak iż-żmien,
Bħala xemx ħabibha xerred
Hena u ferħ ma' kullimkien.

Kemm fis-sahra, kemm fir-raqda,
Ma tarax ħlief żewġ għajnejn,
Lejha jħarsu, lilha jkellmu,
Magħha jduru, serħ ta' xejn.

* * *

Iżda l-qalb tal-bniedem, ġiebja
Li l-qiegħ tagħha ma deh'r qatt.
Fost kemm hawn maħluq fid-dinja
Ma jimlieha xejn u ħadd.

Meta l-bniedem jidra ħaġa,
Tibda ddejqu, u minnha jwarrab.
Oħra jfittex li tnissillu
Hena aqwa milli ġarrab.

Qajla qajl l-imħabba tinxef
Biex lill-bruda tħalli mkienha,
Jgħib mill-fomm il-kliem ta' ħlewwa,
U t-tbissima tkun għażżiena.

* * *

Waslet lejla, l-ħin miftiehem
Għadda ġmielu..., hi stenniet,
Stenniet l-għada b'qalbha ttaqtaq,
Stenniet ġimgħa... u żmienha ħliet.

Imbikkija ħarġet tfittxu,
Għax ma tmutx fil-qalb it-tama;
Lilu sabet... mgħannaq m'oħra...
Demmha kesaħ daqs irħama!

Int stagħġibt, ja żiemel abjad,
Kif ħassejtha tirkeb fuqek,
Smajtha tolfoq, tibki u tixher
Waqt li kienet qiegħda ssuqek.

Faqqgħet bewsa f'għonq il-bhima,
Ta' mħabbitha l-aħħar xirja,
U fil-waqt li lissnet isem
Telqet tiġri l-aħħar ġirja!

X'inti tfittex, omm imnikkta,
X'int itterraq f'dan is-swied?
Jekk trid tara l-fdal ta' bintek
Mur sar-rdum ta' l-Isqfijiet

Għax il-mewġa tgħidlek kollox,
U l-ħuttaf iwieġbek magħha:
— Qegħdin nishru maġenb xbejba,
Qegħdin ngħassu l-fdal minn tagħha!—